# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 7 ta' Marzu, 2022.**

**Numru 3**

**Rikors numru 431/21/1**

**A f'ismu proprju, f'isem uliedu, B, C, D u E, u bħala rappreżentant legali tar-rikorrenti, ilkoll applikanti fl-applikazzjoni _/_ (*omissis*) fl-ismijiet *A & Others* quddiem il-QEDB**

**v.**

**L-Avukat tal-Istat bħala aġent ta' Malta**

1. B'sentenza li tat il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani fit-18 ta' Marzu 2021 fil-każ **A and Others v. Malta** (applikazzjoni numru _/_ (*omissis*)), iddeċidiet:-

> *"1. Declares the application admissible;*
>
> *2.Holds that there has been a violation of Article 8 of the Convention;*
>
> *3. Holds*

*(a) that the respondent State is to pay the applicants, within three months, the following amounts:*

*(i) EUR5,000 (five thousand euros) to the first applicant and EUR6,000 (six thousand euros) to each of the remaining applicants, plus any tax that may be chargeable, in respect of non-pecuniary damage;*

*(ii) EUR 150 (one hundred and fifty euros), to the first applicant, plus any tax that may be chargeable to him, in respect of costs and expenses;*

*(b) that from the expiry of the above-mentioned three months until settlement simple interest shall be payable on the above amounts at a rate equal to the marginal lending rate of the European Central Bank during the default period plus three percentage points;*

*4. Invites the authorities to examine the applicants' situation speedily and take the relevant action without further delay bearing in mind the findings in this judgment;*

*5. Dismisses the remainder of the applicants' claim for just satisfaction"*.

2. Il-każ jitratta dwar proċeduri ta' separazzjoni bejn ir-rikorrent u martu pendenti quddiem il-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja li bdew fis-7 ta' Lulju 2017 (rikors _/_ (*omissis*)). Ir-rikorrent ilmenta minn *parental alienation* fir-rigward tal-erbat itfal li twieldu miż-żwieġ.

3. B'rikors preżentat fit-22 ta' Diċembru 2021 ir-rikorrent talab lil din il-Qorti sabiex:

*"1. F'din il-proċedura odjerna timxi mad-deċiżjoni tal-QEDB fis-sens illi l-ismijiet tal-applikanti inkluż fl-okkju jibqgħu annominizzati skont Regola 47(4) tar-Regoli tal-Qorti tal-QEDB;*

*2. Tordna l-esegwibilita' tad-deċiżjoni ai termini tal-Artikolu 6(1) tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta billi taċċetta l-invitazzjoni f'isem l-awtoritajiet Maltin skont ir-raba' paragrafu tad-deċide tas-sentenza app _/_ (omissis) A & Other v Malta tal-QEDB u tidderiġihom għal dak li għad baqa' xi jsir billi: to examine the applicants situation speedily and take*

*the relevant action without further delay bearing in mind the findings in this judgment"*.

4. Proċedura li saret *ai termini* tal-Art. 6 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) li jipprovdi li sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tista' tiġi esegwita minn din il-Qorti.

5. B'risposta tat-12 ta' Jannar 2022 l-Avukat tal-Istat spjega li fir-rigward ta' tlitt itfal kienu qegħdin jgħixu ma' missierhom u jattendu sessjonijiet ta' terapija. Inoltre, għalkemm ma kienx hemm aċċess regolari bejn il-missier u t-tifel il-kbir, b'daqshekk ma jfissirx li s-sentenza tal-QEDB għadha ma bdietx tiġi esegwita. L-awtoritajiet ħadu passi sabiex jeżaminaw is-sitwazzjoni tat-tifel il-kbir li jidher li għandu diffikultajiet. Għalhekk fil-konfront tiegħu l-esekuzzjoni tas-sentenza ser tieħu ż-żmien. Skont id-deċiżjoni tal-QEDB l-awtoritajiet huma obbligati li jeżaminaw is-sitwazzjoni partikolari tar-rikorrent u jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex isseħħ rijunifikazzjoni ma' wliedu. Pero` dan mhuwiex obbligu li din issir fi żmien determinat jew li ssir bilfors.

6. B'risposta preżentata fit-3 ta' Frar 2022 omm it-tfal wieġbet wara li l-Qorti ordnat li għandha tiġi notifikata bir-rikors tar-rikorrent u tatha l-fakolta` li tagħti l-kummenti tagħha. Fil-fatt hi spjegat li:

i. It-tifel il-kbir kien instema' mill-Qorti tal-Familja fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021 u ordnat li t-tifel imur għat-terapija għand Maryrose Baldacchino.

ii. Ma jkunx korrett li t-tfal jisimgħuhom l-esperti li dwar uħud minnhom hemm suspetti.

iii. It-tfal għamlu xhur ma jarawx lil ommhom f'pjan li ġie mbuttat minn waħda mill-esperti, u lanqas setgħet tikkomunika magħhom.

iv. Fl-ebda parti tas-sentenza tal-QEDB m'hemm ordni li t-tfal għandhom imorru għand il-missier.

v. Il-Qorti tal-Familja għandha dmir li tara l-kundizzjonijiet li fihom qegħdin jgħixu t-tfal.

7. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2022 ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex:

> *"..... tikkonferma l-ħatra ta' Dr Claire Francica flimkien mat-team taħt is-superviżjoni tagħha, biex ikollhom ir-riżorsi neċessarji u idoneji biex huma jew taħt superviżjoni tagħhom ikunu jistgħu jaqdu l-inkrigu tagħhom u tkompli ssir it-terapija ma' M, E u M u tibda fil-proċess ma' K, u dan biex jingħata effett għas-sentenza tal-QEDB.*
>
> *L-Av Fiorella Fenech Vella u l-Av Julian Vella ma joġġezzjonawx għat-talba ta' A ħlief għall-fatt li ma jaqblux għal dakli jikkonċerna t-tifel il-kbir, K għax minn informazzjoni li għandhom il-proċess ta' eżekuzzjoni u s-sitwazzjoni tat-tifel il-kbir qed tiġi eżaminata"*.

8. Fis-sentenza l-Qorti Ewropea stiednet lill-awtoritajiet sabiex jeżaminaw is-sitwazzjoni tal-missier u wliedu bi speditezza u sabiex tittieħed l-azzjoni li hemm bżonn mingħajr iktar dewmien sabiex ma titkompliex il-vjolazzjoni tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni.

9. Rilevanti li jissemma wkoll li dwar dan il-kaz kien hemm diġa` kawza kostituzzjonali quddiem il-Qorti Ċivili, Prim' Awla. Fil-fatt b'sentenza tas-26 ta' Novembru 2020 fil-kawza _/_ (*omissis*) il-Qorti kienet diġa` ddikjarat li kien hemm ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni minħabba fost raġunijiet oħra, *"(2) ....... l-aljenazzjoni totali tat-tfal minn missierhom konsegwenza tad-deċizjonijiet u nuqqas ta' azzjon tal-Qorti"*. Il-Qorti ordnat li r-rikorrent jingħata dawn ir-rimedji:

> *"1. Il-genituri jigu obbligati permezz ta' ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Familja fl-ambitu tal-kawza ta' separazzjoni li jattendu ghal sessjonijiet ta' terapija kif irrakomandaw l-esperti. In-nuqqas ta' ottemperanza ma' din l-ordni ghandha ggorr sanzjoni effettiva kontra l-parti li ma tattendix;*
>
> *2.Ghandhom jinbdew fuq ordni tal-Onorabbli Qorti tal-Familja fl-ambitu tal-kawza ta' separazzjoni u b'mod immedjat sessjonijiet ta' terapija mal-minuri bl-ghan principali tkun li jerga jigi ripristinat xi tip ta' access bejnhom u l-missier u dan fl-iqsar zmien possibbli izda mhux aktar minn sitt xhur sabiex is-sitwazzjoni ma tkomplix taggrava. In-nuqqas ta' ko-operazzjoni mill-partijiet dwar dan ghandu wkoll igorr sanzjoni effettiva fil-konfront tal-parti li ma tottemperax ruhha mal-ordni tal-Qorti;*
>
> *3.Il-procedura suesposta ghandha tigi supervizjonata mill-Agenzija Appogg li ghandha taghmel minn kollox fil-poteri taghha u b'direzzjoni minghand l-Onorabbli Qorti tal-Familja u t-terapisti fl-ambitu tal-kawza ta' separazzjoni personali sabiex tassigura li r-ripristinar tal-access bejn il-minuri u l-missier isir fl-aqsar zmien possibbli u zgur mhux aktar minn sitt xhur, minghajr ma thalli li xi hadd mill-partijiet jostakolha fix-xoghol taghha partikolarment il-kjamata fil-kawza odjerna F omm il-minuri"*.

10. Għalkemm l-Avukat Ġenerali (illum Avukat tal-Istat) kien appella mis-sentenza, fis-seduta tas-26 ta' April 2021 irrinunzja għall-appell, evidentement wara s-sentenza tal-QEDB li ngħatat fit-18 ta' Marzu 2021. Is-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim' Awla hi fiha nnifisha titolu ezekuttiv favur ir-rikorrent. L-ordni li tat dik il-Qorti kienet ċara fis-sens li għandu jsir dak kollu li kien hemm bzonn sabiex ir-rikorrent jerġa' jibda jkollu aċċess għal uliedu.

11. Jidher li minn meta ngħatat is-sentenza mill-QEDB ġie reġistrat progress tajjeb għal dak li jirrigwarda tlitt itfal sabiex terġa' tinbena relazzjoni mal-missier. F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Familja fil-11 ta' Awwissu 2021 tat digriet li bih ordnat li l-pjan ta' azzjoni suġġerit mid-Direttorat tal-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ), jidħol fis-seħħ mit-13 ta' Awwissu 2021. Fil-fatt fir-rikors tiegħu r-rikorrent jirrikonoxxi li sar progress (ara paragrafu 27 tar-rikors) u tlieta minn uliedu bdew jgħixu miegħu. Kien wara dik l-ordni li beda jiġi reġistrat progress. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-digriet tal-11 ta' Awwissu 2021 ħoloq bażi sabiex isir dak li l-QEDB qalet li hemm bżonn li jsir fl-iqsar żmien possibbli, ċioe` *"123 ...... to permit the rebuilding of the relationship between the applicants"*.

12. Madankollu r-rikorrent għadu jilmenta li m'għandux kuntatt mat-tifel il-kbir, li fuq ordni tal-Qorti tal-Familja xehed fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021 quddiem il-ġenituri u d-difensuri tagħhom. Dak li qal hu

nkwetanti ħafna u mhux normali li tfal ta' dik l-eta` jitkellmu b'dak il-mod dwar ġenitur. It-tifel il-kbir għandu rabja kbira u hu determinat li ma jkollux kuntatt mar-rikorrent. F'dik is-seduta t-tifel litteralment ħa *centre stage* fl-awla, f'ambjent li minnu nnifsu hu konfrontazzjonali, u qal li ried. Il-messaġġ li ta hu wieħed ċar, ċioe` li ser jagħmel fattih jgħid x'jgħid ħaddieħor u li hu jaf x'inhu tajjeb għalih. It-tifel mill-bidu sal-aħħar ma qalx kelma waħda pożittiva, u għamilha ċara li m'għandux missier u r-rikorrent hu barrani. Waqt is-seduta t-tifel għamel ukoll insinwazzjonijiet xejn sbieħ fil-konfront ta' waħda mill-esperti. Mill-mod kif tkellem il-Qorti m'għandhiex dubju li dan it-tifel hu ta' nfluwenza ħażina għal ħutu l-oħra għal dak li jirrigwarda r-relazzjoni tagħhom ma' missierhom. Il-mod kif dan it-tifel iħares lejn ir-rikorrent hu konferma kemm hemm bżonn li jsir ħafna iktar xogħol mill-awtoritajiet. Hu għalhekk essenzjali li jkompli jsir sforz kbir b'konsistenza mill-awtoritajiet kollha bit-tama li l-ħsara kbira li saret matul dawn is-snin ma ssirx irreparabbli. Dan iktar u iktar meta wieħed jikkonsidra li t-tifel diġa` għandu ħmistax-il sena. Kull ġurnata li tgħaddi mingħajr ma tingħata għajnuna lit-tifel il-kbir u lill-missier, il-ħsara ser tkompli tikber. Jekk l-awtoritajiet mhux ser jaħdmu flimkien, diffiċli li jkun xi żvilupp fil-każ tat-tifel il-kbir.

13. Biex tkompli taggrava s-sitwazzjoni, it-tliet esperti ppreżentaw nota fil-25 ta' Jannar 2022 fil-Qorti tal-Familja fejn talbu lill-Qorti sabiex tħassar l-inkarigu. Dan seħħ ftit ġranet wara li xehed it-tifel. Fin-nota l-esperti

taw spjegazzjoni għalfejn għamlu dik it-talba. L-esperti ma jaqblux mal-ordni li tat il-Qorti tal-Familja li f'dan l-istadju jkun hemm *shared living arrangement* bejn il-ġenituri, għaliex fil-fehma tagħhom hemm bżonn żmien sabiex ir-rikorrent jagħti kura lill-uliedu u jibni '*attachment'* b'saħħtu magħhom. Huma esprimew ukoll il-fehma li dak l-arranġament ma kienx ser jirnexxi, u li ma jaqblux li t-tifel il-kbir xehed fil-qorti. Madankollu, mill-istess nota jidher li huma disposti li jkomplu jassistu lill-Qorti jekk:

> *"1. Il-minuri għandhom bżonn iktar ħin mal-missier biex ikollu l-opportunita' jieħu kompletament f'idejh il-kura primarja tal-minuri mingħajr l-ebda ndħil mill-omm.*
>
> *2. Dan l-intervent għandu jerġa jsir għal tliet xhur oħra fejn l-omm ikollha aċċess ristrett ta' siegħa onlajn fil-ġimgħa u ma tkun tista' bl-ebda mod tmur fuq il-grawnds tal-iskola.*
>
> *3. B irid jiġi eskluż kompletament minn kull proċedura legali.*
>
> *4. Il-missier irid ikompli jaħdem fuq 'care plan' li ma tinvolvi bl-ebda mod lill-omm, imma fejn kull pass ta' dan il-pjan ta' kura jiġi superviżjonat mill-esperti u professjonisti appuntati mill-Onorabbli Qorti".*

14. F'digriet li ngħata fit-3 ta' Frar 2022, il-Qorti tal-Familja osservat li sar progress kbir billi tlieta mit-tfal qegħdin jgħixu ġimgħa mal-missier u ġimgħa mal-omm. Jingħad ukoll:

> *"Illi dwar l-esperti ..... dawn tal-aħħar qed jikkontemplaw illi jirriżenjaw.*
>
> *Madankollu, il-qorti hija disposta li taċċetta r-rapport tagħhom fir-rigward tar-raba' u l-ħames talbiet. Il-Qorti tagħmilha ċara minn issa illi hija beħsiebha tisma' lill-minuri C, u dan għall-fini tal-kompletezza tal-provi u biex ikollha aġġornament dwar l-andament tal-aċċess tal-minuri mal-missier.*
>
> *Għalhekk, ir-rikorrenti jista' minn issa stess jieħu l-proċeduri ta' natura kostituzzjonali li jidhirlu li jrid jieħu".*

15. Hi l-Qorti tal-Familja li ilha s-snin tisma' dwar il-kwistjoni ta' relazzjoni bejn il-missier u t-tfal, bl-għajnuna tad-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u tal-esperti fil-qasam ta' *parental alienation,* li flimkien iridu jsibu soluzzjoni fl-interess tat-tfal u l-missier. Illum hemm żewġ sentenzi li huma ġudikat li dan hu kaz ta' *parental alienation*. F'każijiet delikati bħal dan in eżami l-Qorti għandha bżonn l-għajnuna ta' nies li studjaw u huma mħarrġa f'dan il-qasam. L-importanza li l-Qorti tal-Familja tkun assistita minn esperti hu konfermat mill-progress li sar fir-rigward ta' tlieta mit-tfal, wara l-pjan ta' azzjoni li ġie suġġerit lill-Qorti.

16. Minkejja dak li jipprovdi l-Art. 6 tal-Kap. 319, hi l-Qorti tal-Familja li għandha tagħti l-ordnijiet li hemm bżonn sabiex jiġi żgurat li:-

i. Il-passi 'l quddiem li saru f'dawn l-aħħar xhur fir-rigward ta' tlieta mit-tfal ma jisfumawx fix-xejn u ħadd ma jitħalla jfixkel dak it-tajjeb kollu li sar sal-lum;

ii. Jekk hu possibbli jsir pjan ta' azzjoni u xogħol li jwettaq dak il-pjan fir-rigward tat-tifel il-kbir li jippermettu li tinbena relazzjoni ma' missieru mingħajr ma ssir ħsara għas-saħħa u żvilupp tiegħu.

17. Il-kumplikazzjonijiet kbar li hemm f'dan il-każ fir-relazzjoni bejn il-missier u l-ulied mhumiex ser jissolvew jekk il-Qorti ma tkunx assistita minn esperti li huma mħarrġa fil-*parental alienation.* L-esperti qegħdin fl-aħjar pożizzjoni sabiex jipproponu pjan ta' azzjoni fir-rigward tat-tifel il-kbir. Jekk kull awtorita` nvoluta f'dan il-każ ser taħdem għal rasha, m'hemmx wisq tama li jsir progress. Is-sitwazzjoni diġa` diffiċli ħafna. Fil-fatt waħda mill-esperti esprimiet il-fehma li għat-tifel il-kbir hu tard wisq li jsir xi ħaġa li twassal biex jibni relazzjoni ma' missieru (seduta tal-14 ta' Ottubru 2021 quddiem il-Qorti tal-Familja), sakemm per eżempju ma jitpoġġix fil-*fostering*. Madankollu esprimiet dubju dwar jekk miżura bħal dik tkunx fl-aħjar interess tat-tifel. Kif qalet din l-espert, it-tifel il-kbir qiegħed 'jirreżisti'. Dan ħareġ bl-iktar mod ċar meta xehed it-tifel fis-seduta tas-16 ta' Diċembru 2021.

18. Fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2022 li saret quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent talab sabiex din il-Qorti tikkonferma l-ħatra ta' Dr. Claire Francica flimkien mal-esperti l-oħra taħt id-direzzjoni tagħha. Il-Qorti tosserva li d-digriet tat-3 ta' Frar 2022 li tat il-Qorti tal-Familja hu konferma li ma tħassarx l-inkarigu li l-Qorti kienet tat lill-esperti. Digriet li ngħata wara rikors tar-rikorrent li fih talab li l-imħallef li quddiemha qiegħda tinstema' l-kawza fil-Qorti tal-Familja, ma tkomplix tippresjedi fih minħabba dak li qiegħed jirreferi għalih bħala *undue bias* tal-ġudikant. F'kull każ din il-Qorti mhijiex tal-fehma li għandha timponi fuq l-esperti li jkomplu jwettqu

l-inkarigu ġaladarba għandhom ir-rizervi dwar xi deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Qorti.

19. S'issa hu evidenti li ma ġie reġistrat l-ebda progress fir-rigward tat-tifel il-kbir u mhu ser ikun faċli xejn biex is-sitwazzjoni tiġi żblokkata. Dwar it-tfal l-oħra għalkemm sar progress konsiderevoli hemm bżonn li jsir iktar xogħol biex jiġi żgurat li r-relazzjoni tal-missier ma' wliedu tissaħħaħ u mhux tiddgħajjef. Dan iktar u iktar meta issa li reġa' hemm *shared parenting arrangement*, it-tfal reġgħu ġew esposti għal ambjent fejn m'hemmx post għar-rikorrent bħala missier it-tfal. Mill-atti voluminuzi tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Familja, hu evidenti li l-omm mhijiex lesta li tikkopera sabiex it-tfal jibnu relazzjoni ma' missierhom. Għaliha fil-familja m'hemmx post għar-rikorrent. Dan apparti li jirrizulta li lanqas ma kienet disposta li tattendi għal sessjonijiet ta' terapija. Madankollu minn qari tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla tas-26 ta' Novembru 2020 m'hemmx wisq tama li ser tibdel l-atteġġjament tagħha. Min-naħa l-oħra l-fatt li t-tifel il-kbir qiegħed jirrifjuta b'saħħa li jikkopera ma jfissirx li l-awtoritajiet għandhom ibaxxu rashom għar-rieda tat-tifel. Min-naħa l-oħra rrispettivament minn dak li ntqal fis-sentenza tal-QEDB, fejn ovvjament it-tifel ma kellux leħen indipendenti u l-interessi tiegħu kienu rappreżentanti mir-rikorrent stess, għandu jiġi żgurat li ma ssirlux ħsara emozzjonali u psikoloġika. Dan meta tqis li t-tifel għamilha ċara li hu determinat li ma jkollux kuntatt ma' missieru. F'dan il-kuntest il-Qorti tagħmel referenza

għal dak li ntqal fis-sentenza **Khusnutdinov and X v. Russia** (76598/12 tat-18 ta' Diċembru 2018):

> *"80. It follows that the national authorities' obligation to take measures to facilitate reunion is not absolute, since the reunion of a parent with children who have lived for some time with other persons may not be able to take place immediately and may require preparatory measures to be taken. The nature and extent of such preparation will depend on the circumstances of each case, but the understanding and cooperation of all concerned is always an important ingredient. Whilst national authorities must do their utmost to facilitate such cooperation, any obligation to apply coercion in this area must be limited since the interests as well as the rights and freedoms of all concerned must be taken into account, and more particularly the best interests of the child and his or her rights under Article 8 of the Convention. Where contact with the parent might appear to threaten those interests or interfere with those rights, it is for the national authorities to strike a fair balance between them (see Hokkanen, cited above, § 58; Ignaccolo-Zenide v. Romania, no. 31679/96, § 94, ECHR 2000-I; and Kosmopoulou v. Greece, no. 60457/00, § 45, 5 February 2004).*
>
> *81. It must be borne in mind that generally the national authorities have the benefit of direct contact with all the persons concerned".*

20. Fit-tweġiba tagħha omm it-tfal qalet li hemm ilmenti li *"10.... huma serji bħal nuqqas ta' ikel, nuqqas ta' ħasil, nuqqas anke ta' saqqu diċenti fejn jorqdu u dan b'differenza minn kif kienu ma' ommhom"*. Jekk hemm ilmenti bħal dawk faċilment jistgħu jiġu nvestigati mid-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u wkoll l-esperti, u jistgħu faċilment jiġu ndirizzati.

21. Ovvjament hi l-Qorti tal-Familja li fl-aħħar mill-aħħar għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tisma' minuri, u dan skont iċ-ċirkostanzi tal-kaz li jkollha quddiemha. B'rikors tal-31 ta' Awwissu 2021 l-omm kienet diġa`

talbet li l-Qorti tisma' lit-tfal. Talba li l-Qorti ċaħdet b'digriet tal-15 ta' Settembru 2021 wara l-oġġezzjoni tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal li ta spjegazzjoni dettaljata għalfejn it-tfal m'għandhomx jinstemgħu. Sussegwentement il-Qorti bidlet dik il-fehma. Dan jidher li seħħ wara li xehed Julian Xuereb, uffiċjal fl-iskola fejn jattendu t-tfal (seduta tal-11 ta' Novembru 2021). Spjega kif it-tifel il-kbir ried li l-Qorti tisimgħu u l-Qorti qalet li tikkonsidra t-talba. Kien proprju fl-aħħar ta' dik is-seduta li l-Qorti ddikjarat li ser tisma' lit-tifel il-kbir fis-seduta li jmiss.

22. Bħala prinċipju t-tfal għandhom jingħataw l-opportunita` li jagħtu l-fehma tagħhom f'kwistjonijiet li jolqtuhom direttament. F'dan ir-rigward issir referenza għal:

i. *United Nations Convention on the Rights of the Child* tal-1989 li ġiet ratifikata minn Malta fl-1990, (Artikolu 12). Id-dritt tat-tfal li jinstemgħu hu rikonoxxut bħala wieħed mill-prinċipji ġenerali tal-Konvenzjoni;

ii. *EU Charter on Fundamental of Fundamental Rights* (Artikolu 24(1)). It-tfal għandhom id-dritt jesprimu l-fehma tagħhom b'mod liberu, u l-fehmiet tagħhom għandhom jiġu kkonsidrati f'materji li jikkonċernawhom. Dan skont l-eta` u l-livell ta' maturita`.

iii. Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn għalkemm m'hemmx ħtieġa assoluta li t-tfal jinstemgħu, id-deċiżjoni

għandha tittieħed skont iċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ u jiddependi wkoll fuq l-eta` u l-livell ta' maturita` ta' kull wieħed minnhom.

23. Hi deċiżjoni li trid tieħu l-Qorti tal-Familja dwar jekk fil-proċeduri għandhomx jinstemgħu t-tfal. F'dan il-każ hu ċar li sar ħafna xogħol mat-tlitt itfal li issa qegħdin iqattgħu ġranet mal-missier. Għalhekk hu floku li qabel jinstema' xi wieħed minnhom il-Qorti tal-Familja tikkonsidra sew il-parir tal-esperti, huma min huma, dwar jekk il-minuri għandux jinstema' f'dan l-istadju tal-proċeduri meta għadu qiegħed isir xogħol biex tissaħħaħ ir-relazzjoni li reġgħet bdiet ma' missierhom, u fl-affermattiv x'arranġamenti hemm bżonn li jsiru biex il-minuri li l-Qorti ordnat li jinstema' jkun fl-aħjar pożizzjoni sabiex jesprimi lilu nnifsu bl-aħjar mod. B'hekk wieħed jeskludi l-periklu li ssir iktar ħsara u l-progress li sar ma jiġix preġudikat. Dan iktar u iktar meta tqis li x-xogħol tal-esperti mat-tfal għadu għaddej, u t-tfal diġa` għandhom ħafna pressjoni fuqhom.

24. Hu fatt li l-proċess quddiem din il-Qorti mhuwiex appell mill-ordnijiet li qiegħda tagħti l-Qorti tal-Familja. Hi dik il-Qorti li trid tieħu deċiżjonijiet, ħafna drabi diffiċli, sabiex ma jkomplix il-ksur tal-Art. 8 tal-Konvenzjoni. It-tajjeb kollu li sar matul dawn l-aħħar xhur ma jistax jintilef issa u għalhekk hu imperattiv li l-awtoritajiet kollha, inkluż il-Qorti tal-Familja, jaħdmu id f'id sabiex ir-rikorrent ikompli jeżerċita d-dritt li jkollu kuntatt fil-qrib mat-tlett uliedu li magħhom reġa' għandu relazzjoni, u li ma

jippermettu lil ħadd li jfixkel il-progress li sar. Fl-istess ħin bl-għajnuna tal-esperti għandu jsir xogħol mat-tifel il-kbir bl-istess għan. Li t-tfal ikollhom relazzjoni ma' missierhom hu essenzjali u fl-interess tagħhom irrispettivament minn dak li tgħid u trid ommhom. In-nuqqas ta' koperazzjoni tal-omm m'għandux jitħalla jxekkel ix-xogħol tajjeb li sar s'issa.

25. Minn dak li rat din il-Qorti mhijiex sodisfatta li sal-lum paragrafu 4 tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-QEDB ġie eżegwit, u fadal ħafna x'isir. Għalhekk ser tilqa' t-talba tar-rikorrent.

Għal dawn il-motivi tordna l-eżekuzzjoni tar-raba' paragrafu tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Umani tat-18 ta' Marzu 2021 billi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), id-Direttorat għall-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u l-esperti flimkien jagħmlu dak li hemm bżonn sabiex jiżguraw li:-

i. fir-rigward tat-tlitt itfal li magħhom ir-rikorrent illum-il ġurnata għandu relazzjoni, jitkompla l-pjan ta' azzjoni b'dak it-tibdil li hemm bżonn sabiex tkompli u tissaħħaħ ir-relazzjoni; u

ii. jekk għadu possibbli u m'hemmx periklu li ssir ħsara lis-saħħa u żvilupp tat-tifel il-kbir, isir pjan ta' azzjoni fir-rigward tat-tifel il-kbir għar-rijunifikazzjoni ma' missieru u jitwettaq dak il-pjan.

Inoltre, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandha tikkunsidra jekk huwiex floku li t-tifel il-kbir ikun assistit minn avukat tat-tfal meħud in konsiderazzjoni tal-pożizzjoni li ħa meta xehed quddiem il-Qorti, u dan jekk hemm bżonn wara li titlob il-parir tal-esperti.

Spejjeż a karigu tal-Avukat tal-Istat.

Kopja ta' din id-deċiżjoni għandha tintbagħat lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) li quddiemha qiegħda tinstema' l-kawża _/_ (*omissis)*, lid-Direttorat tal-Kura Alternattiva (Tfal u Żgħażagħ) u lit-tliet esperti li nkarigat l-ewwel Qorti.

L-oriġinal ta' din is-sentenza għandha titqiegħed f'*envelope* siġġillat u tkun disponibbli biss lill-partijiet, id-difensuri tagħhom, u l-awtoritajiet li jissememew f'din id-deċiżjoni.

Tordna wkoll li jekk din id-deċiżjoni tkun disponibbli fis-sit e-courts.gov.mt, ir-Reġistratur għandu jneħħi kull referenza għall-ismijiet u kunjomijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm